C/2026/3004

2.6.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

Każ M.12404 - APG / ANTIN / NORTHC

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/3004)

1. Fil-11 ta' Mejju 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— APG Asset Management N.V., ("APG", in-Netherlands), ikkontrollata minn Stichting Pensioenfonds ABP ("ABP", in-Netherlands),

— Antin Infrastructure Partners S.A.S. ("Antin", Franza),

— DutchColo A B.V. u s-sussidjarji tagħha ("NorthC", in-Netherlands), ikkontrollati minn Antin.

APG u Antin se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' NorthC.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— APG hija maniġer tal-assi Netherlandiż u timmaniġġja l-assi għal ABP. ABP huwa l-fond ta' pensjoni għall-impjegati tal-gvern u tal-edukazzjoni fin-Netherlands.

— Antin hija kumpanija ta' ekwità privata ffukata fuq investimenti fl-infrastruttura, b'mod partikolari fl-enerġija u fl-ambjent, fit-trasport, u fl-infrastruttura diġitali u soċjali. Qabel il-konċentrazzjoni, kienet tikkontrolla biss lil NorthC, li topera servizzi ta' kolokazzjoni għal klijenti ta' ċentri tad-data ta' partijiet terzi madwar il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvizzera, fejn tipprovdi spazju, enerġija, tkessiħ u konnettività għat-tagħmir tal-IT tal-klijenti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12404 — APG / ANTIN / NORTHC

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË